**ID-DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET**

**L-Eżami Tal-Malti għal LSE Supply**

**Frar 2025**

## L-ISKEMA TAL-MARKI

| **L-Ewwel Taqsima** | **IL-KOMPONIMENT** | | | | **35 marka** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu wieħed. F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa sa massimu ta' 5 marki.** | | | | | |
| **L-ESPRESSJONI**<br>• *l-użu tal-espressjonijiet*<br>• *l-idjomi*<br>• *il-vokabularju*<br>• *il-punteġġjatura*<br>• *il-binja tas-sentenzi* | Tajjeb ħafna<br>**(5)** | Tajjeb<br>**(4)** | Mhux ħażin<br>**(3)** | Batut<br>**(2)** | Batut Ħafna<br>**(1)** |
| **L-IDEAT FIL-KITBA**<br>• *il-qbil mas-suġġett*<br>• *is-sekwenza minn ħsieb għal ieħor*<br>• *l-istil tal-kitba* | Tajjeb ħafna<br>**(10)** | Tajjeb<br>**(8 )** | Mhux ħażin<br>**(6)** | Batut<br>**(4)** | Batut Ħafna<br>**(0-2)** |
| **L-IŻVILUPP TAL-KITBA**<br>• *imqassma f'paragrafi bid-daħla*<br>• *il-qalba u l-għeluq*<br>• *il-qbil bejn il-partijiet kollha*<br>• *il-ġeneru mħaddem tajjeb*<br>• *fiha l-ammont ta' kliem mitlub* | Tajjeb ħafna<br>**(5)** | Tajjeb<br>**(4 )** | Mhux ħażin<br>**(3)** | Batut<br>**(2)** | Batut Ħafna<br>**(1)** |
| **L-ORTOGRAFIJA** | Ftit li xejn żbalji ortografiċi<br>**(14-15)** | Minn 2-5 żbalji differenti<br>**(11-13)** | Minn 6-10 żbalji differenti<br>**(7-10)** | Minn 11-15-il żball differenti<br>**(4-6)** | Minn 16 sa 20 żball differenti<br>**(0-3)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **It-Tieni Taqsima** **FEHIM IT-TEST** **25 marka**<br>**F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija.** | | | |
| **A** | Tweġibiet tal-mistoqsijiet | | |
| **1.** | b. jinsabu midfunin żewġ maħbubin. | marka | |
| **2.** | Inbena bħala qabar/monument għall-mara favorita tal-Imperatur li mietet waqt it-twelid. | marka | |
| **3.** | Spiċċa maqful il-ħabs wara li tneħħa minn Imperatur minn ibnu stess/ spiċċa l-ħabs u ma setax igawdi l-monument ta' martu imma jarah biss mill-bogħod. | 2 marki | |
| **4.** | Qabbad ħafna nies u l-aqwa artisti biex jaħdmu fih; ġab ġawhar prezzjuż biex iżejnu minn pajjiżi barranin;<br>Għamillu ġnien sabiħ mad-dawra;<br>Żejnu b' ħafna kitbiet artistiċi mill-Koran li jitkellmu fuq l-imħabba dejjiema. | 3 marki | |
| **5.** | Il-ġnien jissimbolizza l-ġenna li jemmnu fiha l-Musulmani. | 2 marki | |
| **6.** | Tniġġis mill-arja u t-traffiku.<br>i) It-twaqqif ta' żoni fejn it-traffiku u l-bini jiġu ristretti (TTZ);<br>ii) użu ta' mud pack therapy biex jitnaddaf l-irħam. | 3 marki | |
| **7.** | Li l-bini jibdel il-kulur skont il-ħin tal-ġurnata u l-qamar li jkun. | 2 marki | |
| **8.** | Li hemm kitbiet mill-Koran imħaffra fl-irħam u jitkellmu fuq l-imħabba u l-ħajja ta' dejjem. | 2 marki | |
| **9.** | Għaliex dan il-post ifakkar fl-imħabba kbira li kellu l-Imperatur lejn martu li ma ridhiex tintesa u għalhekk bnielha dan il-monument li jibqa' għal dejjem. | 3 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **B** | Għarfien il-Lingwa | | |
| **1.** | a. ikkunsidrat<br>b. tifkira<br>ċ. djamant/ ħaġra prezzjuża<br>d. affarijiet tal-għaġeb/speċjali | 4 marki (marka għal kull waħda) | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **2.** | a. viżitaturi b. jikkontribwixxi | 2 marki (marka għal kull waħda) | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **It-Tielet Taqsima IL-KITBA TA' RAPPORT (80 kelma) 20 marka**<br><br>**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu rapport (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa sa massimu ta' 5 marki.** | | | |
| | Titlu | 3 marki | Ara li jkun titlu sħiħ, jidher b'mod prominenti u jista' jkollu sottotitlu jew isem l-awtur. |
| | L-Ortografija | 5 marki | Titnaqqas marka għal kull żball differenti – massimu sa 5 marki. |
| | Il-Kontenut | 12-il marka | Aċċetta kull kontenut li jagħmel sens u jorbot mat-titlu. |
| **Ir-Raba' Taqsima IL-KITBA TA' ITTRA / EMAIL (80 kelma) 20 marka**<br><br>**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun 10% anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa.** | | | |
| | Tqassim | 3 marki | Ara li jkun hemm l-indirizzi mqassma sew, id-data u t-tislima u t-tislija, inkluża l-firma. |
| | L-Ortografija | 5 marki | Titnaqqas marka għal kull żball differenti – massimu sa 5 marki. |
| | Il-Kontenut | 12-il marka | Aċċetta kull kontenut li jagħmel sens u jorbot mat-titlu. |